**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 552/3013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Charmain Bezzina**
**(ID 105980(M))**

**Illum, 26 ta' Frar 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Charmain Bezzina** ta' 33 sena, bint Paul u Josephine nee` Jenkins, imwielda l-Pieta` nhar is-17 ta' Jannar 1980, residenti 134, Triq is-Sur, Isla, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 105980(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Ottubru 2013 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew kienet xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-

droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

c) Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

U akkużata wkoll talli f'dawn il-Gżejjer matul is-sena 2012:

e) Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi għalkemm waqt l-eżami tagħha skont il-liġi, l-imputata wiegbet li mhijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, madankollu, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2020, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija reġgħet ikkonfermatha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha bil-konsegwenzi

legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed sabiex terġa' tikkunsidra t-twegiba tagħha u terġa' lura minnha;

In kwantu l-piena li għandha tiġi nflitta f'dan il-każ, semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputata ħatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali aġġornata tal-imputata, mil-liema jirriżulta illi l-imputata preċedentement instabet ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, pussess 'sempliċi' ta' droga, serq aggravat f'żewġ okkażjonijiet, reat taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, pussess aggravat ta' droga kokaina u eroina u ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja. Dawn l-aħħar reati jirrisalu għal Awwissu 2018 u dwarhom l-imputata ġiet ikkundannata *inter alia* għal piena ta' tletin xahar priġunerija effettiva. Dan ifisser illi wara r-reati odjerni, l-imputata kompliet fl-istess triq, sakemm reġgħet inqabdet u ngħatat piena karċerarja, liema piena llum għadha qegħda tiskontaha. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll ix-xhieda ta' Lieutenant Helenio Galea[1] u d-dokumenti minnu esebiti dwar l-imġieba tal-imputata ġewwa l-ħabs, mil-liema jirriżulta illi testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputata rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Jidher ukoll illi l-imputata qed issegwi xi korsijiet ġewwa l-

[1] Ara a fol. 242 sa 245 tal-proċess.

ħabs sabiex ittejjeb l-edukazzjoni tagħha. Madankollu, għalkemm l-istess xhud jgħid illi l-imġieba tal-imputata ġewwa l-ħabs hija waħda tajba, mid-dokumenti minnu esebiti jirriżulta illi fis-sena 2019 saru sitt rapporti fil-konfront tagħha, mil-liema tnejn għadhom pendenti u l-bqija ġew deċiżi kontra tagħha; tlieta minn dawn kienu dovuti għan-nuqqas tal-imputata li tobdi regolamenti ġewwa l-ħabs.

Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan il-każ ossia illi wara informazzjoni illi l-imputata kienet qed tbiegħ id-droga, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest u fil-kors ta' sorveljanza mill-Iskwadra kontra d-Droga, il-pulizija nnutat lill-imputata dieħla u ħierġa mir-residenza ta' ċertu Terence Burrows, ġiet imwaqqfa u arrestata u fil-waqt illi fuq il-persuna tagħha nstabu ħames pakketti bid-droga eroina, fir-residenza tal-istess Burrows, instabu ħamsa u għoxrin pakkett identiku, ukoll bid-droga eroina[2], liema pakketti, skont ix-xhud Terence Burrows, kien qed iżommhom għall-imputata odjerna.[3] Mir-relazzjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[4], jirriżulta *inter alia* illi l-piż total tat-trab [li nstab fil-pakketti fuq il-persuna tal-imputata u fir-residenza ta' Burrows] li fih instabet is-sustanza eroina, kien ta' 8.54 grammi, b'purita` ta' ċirka 23%, kif ukoll illi fuq *swabs* meħuda mill-boroż, imqassijiet, mis-sikkina u mill-miżien, instabet is-sustanza eroina[5]. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi t-tletin qartas bid-droga eroina kellhom piżijiet tassew simili u salv għal qartas li kellu piż ta' 0.73 grammi, mill-bqija il-piżijiet kienu jvarjaw bejn 0.24 grammi u 0.32 grammi. Huwa evidenti għalhekk illi dawn il-qratas ġew imħejjija sabiex jiġu spaċċjati, kif *del resto* tammetti l-istess imputata fl-istqarrija rilaxxjata

---

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech, a fol 32 sa 35 tal-proċess, ix-xhieda ta' PC 1311 Gregory Pizzuto, a fol. 43 sa 49 tal-proċess, ix-xhieda ta' WPC 317 Alicia Mamo, a fol. 47 sa 49 tal-proċess u x-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci, a fol. 50 sa 52 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda ta' Terence Burrows, a fol. 63 sa 84 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 155 *et seq* tal-proċess u a fol. 207 *et seq* tal-proċess.
[5] Il-boroż u l-miżien instabu fir-residenza ta' Burrows.

minnha.[6] Dan huwa wkoll evidenti minn numru ta' messaġġi fuq il-*mobile phones* misjuba fil-pussess tal-imputata (u anke ta' Terence Burrows)[7]. Ma jistax ma jingħadx ukoll illi l-kwantita` kbira ta' boroż li nstabu fir-residenza ta' Burrows li, skont l-imputata, kien jieħu jsieb li jippakkja d-droga eroina li kienet takkwista hi, huwa wkoll ferm indikattiv tal-operazzjoni li kellha għaddejja l-istess imputata bl-għajnuna ta' Burrows.

Qieset ukoll illi l-ammissjoni tal-imputata ma kinitx waħda bikrija; anzi tali ammissjoni ġiet reġistrata wara li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha f'Mejju 2016 u wara li minn dakinhar, id-difiża baqgħet ma ressqitx provi, salv illi esebiet żewġ ċertifikati li ottjeniet l-imputata waqt illi qegħda tiskonta piena karċerarja.

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 in kwantu l-imputazzjonijiet (a) u (b) u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-istess Kapitolu in kwantu l-piena pekunjarja tassattivament applikabbli fir-rigward tal-imputazzjoni (a) u dik li qed tiġi applikata mill-Qorti fir-rigward tal-imputazzjonijiet (ċ) sa (f).

Illi dwar is-sottomissjonijiet tad-difiża rigward il-piena, apparti illi l-Qorti għamlitha ċara lill-imputata qabel ikkonfermat l-ammissjoni tagħha, illi m'hijiex marbuta bl-ebda suġġeriment magħmul mill-partijiet dwar il-piena meta tiġi biex teroga l-istess, il-Qorti qed tqis illi piena viċin is-sena priġunerija, kif suġġerit mid-difiża, hija waħda wisq miti fiċ-ċirkostanzi kollha li għalihom irreferiet il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq. Ma' dawn il-Qorti żżid ukoll illi għalkemm

[6] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 36 sa 38 tal-proċess.
[7] Ara r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada a fol. 90 sa 134 tal-proċess.

il-piż tad-droga misjuba ma kienx wieħed tant kbir, madankollu, ma kinitx xi okkażżjoni ta' darba li fiha l-imputata traffikat id-droga eroina.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata **Charmain Bezzina** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u qed tikkundannaha għall-piena ta' **wieħed u għoxrin xahar (21) priġunerija effettiva** u **multa ta' elfejn, seba' mija u ħamsin ewro (€2,750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' tmenin ewro (€80), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, erbgħa u disgħin ewro, ħamsa u disgħin ċenteżmu (€494.95) u s-somma ta' mija, sebgħa u tletin ewro, tlieta u erbgħin ċenteżmu (€137.43) rispettivament u l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' tliet mija, tnejn u erbgħin ewro, sitta u għoxrin ċenteżmu (€342.26), ammontanti b'kollox tali spejjeż għas-somma ta' disa' mija,

erbgħa u sebgħin ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€974.64). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga formanti parti minn Dok. PG 3 u Dok. PG 4 rispettivament, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-erba' *mobile phones* formanti parti minn Dok. PG 3 u PG 4, favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tinvestiga lil Terence Burrows dwar ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat